



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 8.10.2010  
KUMM(2010) 543 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-  
KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT  
TAR-REĠJUNI**

**Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea**

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea

### 1. GĦELUQ TAĊ-ĊIKLU: MINN REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR GĦAL DIK INTELLIĠENTI

Il-problemi ekonomiċi u finanzjarji ta' dawn l-aħħar sentejn kellhom lezzjonijiet importanti għall-politika regolatorja. L-iktar importanti, huma kkonfermaw li s-swieq ma jeżistux f'iżolament, iżda jeżistu biex jagħtu prosperità sostenibbli lil kulħadd, u dan mhux dejjem se jkun possibbli jekk ikunu waħedhom. Ir-regolamentazzjoni għandha rwol pożittiv u neċessarju. Il-kriżi enfasizzat il-ħtieġa li jiġu indirizzati miżuri regolatorji mhux kompluti, ineffiċjenti u li għandhom prestazzjoni dgħajfa u, f'ħafna każijiet, biex isir dan kemm jista' jkun malajr.

L-approċċ tagħna għar-regolamentazzjoni huwa li tippromwovi l-interessi taċ-ċittadini, u li tagħti l-firxa sħiħa ta' għanijiet tal-politika pubblika li jinkludu l-iżgurar tal-istabilità finanzjarja u t-trattament tal-bidla fil-klima. Ir-regolamenti tal-UE jikkontribwixxu wkoll għall-kompetittività tan-negozji billi jsostnu s-suq uniku, u b'hekk jeliminaw il-frammentazzjoni għalja tas-suq intern minħabba r-regoli nazzjonali differenti. Fl-istess ħin, minħabba li aħna niddependu fuq in-negozji, b'mod partikolari l-impriżi żgħar u medji, biex jerġgħu jpoġġuna fit-triq għat-tkabbir sostenibbli, aħna rridu nillimitaw il-piżijiet għalihom għal dak li huwa biss neċessarju, u nippermittulhom li jaħdmu u jikkompetu b'mod effiċjenti.

Fi ftit kliem, huwa essenzjali li jkollna leġiżlazzjoni tajba sabiex aħna nwasslu l-għanijiet ambizzjużi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv stipulat mill-Istrateġija Ewropa 2020<sup>1</sup>.

L-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar diġà wasslet għal bidla sinifikanti dwar kif il-Kummissjoni tfassal il-politika u tipproponi r-regolamenti. Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati u l-valutazzjonijiet tal-impatt issa huma partijiet essenzjali tal-proċess tat-tfassil tal-politika. Huma żiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà, u ppromwovew tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza. Din is-sistema hija kkunsidrata bħala Prattika tajba fi ħdan l-UE u qed issostni t-teħid tad-deċiżjonijiet fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE<sup>2</sup>. Il-Kummissjoni ssimplifikat ħafna mil-leġiżlazzjoni eżistenti u għamlet progress sinifikanti fit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi.

Il-Kummissjoni temmen li issa huwa ż-żmien biex tħaffef il-pass. Regolamentazzjoni aħjar trid issir regolamentazzjoni intelliġenti u trid tkun iktar integrata fil-kultura tal-ħidma tal-Kummissjoni. Il-President tal-Kummissjoni ħa r-responsabbiltà diretta għal regolamentazzjoni intelliġenti u l-Komunikazzjoni tenfasizza din x'se tfisser fil-prattika. Hi tagħmel użu minn numru ta' kontribuzzjonijiet inkluża riżoluzzjoni riċenti mill-Parlament

<sup>1</sup> COM(2010) 2020 "Ewropa 2020 - Strateġija ġdida għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv".

<sup>2</sup> Ir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 3/2010 "Valutazzjonijiet tal-Impatt fl-istituzzjonijiet tal-UE: qegħdin jappoġġjaw it-teħid ta' deċiżjonijiet?".

Ewropew dwar Regolamentazzjoni Aħjar<sup>3</sup> konsultazzjoni pubblika<sup>4</sup>; ir-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fl-istituzzjonijiet tal-UE<sup>5</sup>; u r-rapporti tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt (IAB)<sup>6</sup>. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni identifikat numru ta' messaġġi ewlenin.

L-ewwel nett, regolamentazzjoni aħjar hija rigward ċiklu sħiħ tal-politika – mit-tfassil ta' biċċa leġislazzjoni, għall-implimentazzjoni, infurzar, evalwazzjoni u reviżjoni. Aħna rridu nibnu fuq il-punti sodi tas-sistema tal-valutazzjoni tal-impatt għal-leġislazzjoni ġdida. Iżda aħna rridu nqabblu dan l-investment ma' sforzi simili sabiex namministraw u nimplimentaw il-korp tal-leġislazzjoni eżistenti biex niżguraw li hi twassal il-benefiċċji maħsuba. Dan jeħtieġ għarfien ikbar mill-atturi kollha dwar il-fatt li l-implimentazzjoni tajba tal-leġislazzjoni eżistenti u l-emenda tagħha fid-dawl tal-esperjenza hija importanti daqs il-leġislazzjoni ġdida li nressqu aħna.

It-tieni nett, regolamentazzjoni intelliġenti trid tibqa' bħala responsabbiltà komuni tal-istituzzjonijiet Ewropej u tal-Istati Membri. Dawn l-atturi għamlu progress varjat, u l-Kummissjoni se tkompli taħdem magħhom biex tiżgura li l-aġenda hija segwita b'mod attiv minn kulħadd. Din trid tkun akkumpanjata minn rikonoxximent ikbar li r-regolamentazzjoni intelliġenti mhijiex għan fiha nnifisha. Hi trid tkun parti integrali mill-isforzi kollettivi tagħna fl-oqsma kollha tal-politika.

It-tielet nett, l-opinjoni ta' dawk l-iktar affettwati mir-regolamentazzjoni għandhom rwol ewlieni fir-regolamentazzjoni intelliġenti. Il-Kummissjoni għamlet passi kbar fil-ftuħ tat-tfassil tal-politika tagħha lill-partijiet interessati. Dan jista' wkoll jimxi iktar 'il quddiem u l-Kummissjoni se ttawwal il-perjodu għall-konsultazzjonijiet tagħha, u se twettaq reviżjoni tal-proċessi ta' konsultazzjonijiet tagħha biex tara kif se ssaħħaħ iktar il-leħen taċ-ċittadini u l-partijiet interessati. Dan se jgħin biex id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona dwar id-demokrazija parteċipatorja jitpoġġew fil-prattika<sup>7</sup>.

It-taqsimiet li ġejjin jippreżentaw il-miżuri ppjanati biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet.

## **2. IL-ĠESTJONI TAL-KWALITÀ TAR-REGOLAMENTAZZJONI MATUL IĊ-ĊIKLU TAL-POLITIKA**

L-għan tar-regolamentazzjoni intelliġenti huwa li tfassal u twassal regolamentazzjoni li tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u li tkun tal-aqwa kwalità possibbli<sup>8</sup>. Dan irid isir matul iċ-ċiklu tal-politika minn meta biċċa leġislazzjoni hija mfassla sa meta tiġi riveduta. L-investment tal-Kummissjoni fil-valutazzjonijiet tal-impatt qed jirċievi riżultati f'termini ta' kwalità mtejba ta' leġislazzjoni ġdida. Madankollu peress li huwa l-korp eżistenti ta' leġislazzjoni li joħloq l-iktar benefiċċji u spejjeż, aħna rridu nagħmlu sforz ekwivalenti biex namministrawha b'mod iktar sistematiku. Il-politika tar-regolamentazzjoni intelliġenti għalhekk se tagħti importanza ikbar minn qatt qabel lill-evalwazzjoni tal-funzjonament u tal-effettività tal-leġislazzjoni eżistenti.

<sup>3</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2010 dwar regolamentazzjoni aħjar (P7\_TA(2010)0311).

<sup>4</sup> [http://ec.europa.eu/governance/better\\_regulation/smart\\_regulation/consultation\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/governance/better_regulation/smart_regulation/consultation_mt.htm)

<sup>5</sup> Ara nota fqiegħ il-paġna 2.

<sup>6</sup> SEC(2009) 1728 "Rapport tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt għall-2009".

<sup>7</sup> Artikolu 11 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

<sup>8</sup> Il-Kummissjoni pproduċiet rapport separat dwar is-sussidjarjetà: "is-17-il Rapport dwar Regolamentazzjoni aħjar".

## 2.1. Titjib tal-leġiżlazzjoni tal-UE fis-seħħ

### *Simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi*

Il-Kummissjoni preċedenti stabbilixxiet żewġ eżerċizzji biex ittejjeb il-leġiżlazzjoni eżistenti. L-ewwel, il-Programm ta' Simplifikazzjoni ta benefiċċji sostanzjali liċ-ċittadini u lin-negozji<sup>9</sup>. Ġew adottati 155 proposta, u l-aġġornament tal-2010 tal-programm jinkludi 46 inizjattiva ġdida. It-tieni, il-Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi<sup>10</sup> qiegħed fit-triq it-tajba biex jeċċedi l-mira biex tinqata l-burokrazija bi 25% sal-2012. Il-Kummissjoni ressqet proposti li, jekk jiġu adottati, se jiġġeneraw tfaddil annwali ta' EUR 38 biljun għall-kumpaniji Ewropej minn piż totali stmat ta' EUR 124 biljun – tnaqqis ta' 31%. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill riċentement approvaw proposta dwar taxxa bil-valur miżjud li se ġġib madwar EUR 18.4 minn dan it-tfaddil u qed jiddiskutu proposta oħra biex jippermettu lil iktar minn 5 miljun mikroimpriza li jkunu eżentati minn regoli ta' kontabilità tal-UE<sup>11</sup>.

Dawn l-isforzi li rnekkew iridu jkomplu fuq livell tal-UE u dak nazzjonali biex ilestu l-programm sal-2012. Madankollu, il-Kummissjoni hija ċerta li flimkien mat-twassil ta' dan il-programm, l-isforzi jridu jkomplu biex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi fejn dan ikun possibbli. Dan l-aħjar li jsir bħala parti minn approċċ usa' li jikkunsidra l-fatturi kollha li jiddeterminaw l-effiċjenza u l-effettività tal-leġiżlazzjoni.

Għalhekk il-Kummissjoni qed tgħaqqad l-isforzi tagħha biex tnaqqas il-piżijiet amministrattivi ma' dawk li jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni. Dan se jgħin biex jiġi indirizzat t-tħassib tal-partijiet interessati li n-negozji mhux dejjem jaraw il-benefiċċji tat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, ukoll minħabba obbligi li joħolqu "irritazzjoni" anke jekk jimponu spiża żgħira. Hi estendiet il-mandat tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-Partijiet Interessati Indipendenti sal-aħħar tal-2012 biex tipprovdi pariri fuq dawn il-kwistjonijiet, li sa dik id-data s-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi se jkunu ġew integrati fl-approċċ tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-leġiżlazzjoni preżenti fis-seħħ. Bħalma għamlet fil-passat, il-Kummissjoni se tiżgura li miżuri biex tissimplifika jew tnaqqas il-piżijiet amministrattivi ma jaffettwawx l-għanijiet tal-politika tal-leġiżlazzjoni.

### *Evalwazzjoni tal-benefiċċji u l-ispejjeż tal-leġiżlazzjoni eżistenti*

Għodda prinċipali f'dan l-approċċ se jkun l-evalwazzjoni ex-post tal-leġiżlazzjoni<sup>12</sup>. Il-Kummissjoni għandha tradizzjoni twila fl-evalwazzjoni tal-programmi ta' nefqa. Hi bdiet tevalwa l-leġiżlazzjoni f'ċerti oqsma ta' politika inkluż l-akkwist pubbliku, il-kwalifiki professjonali u l-kondizzjonijiet ta' ħidma. Dan l-approċċ għandu jkun estiż sabiex l-evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni jsiru parti integrali tar-regolamentazzjoni intelliġenti. L-evalwazzjoni tal-effettività u l-effiċjenza tal-leġiżlazzjoni tal-UE se ttejjeb il-kwalità tat-tfassil tal-politika u tgħin biex jiġu identifikati opportunitajiet ġodda li jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. Il-konsultazzjoni pubblika wriet appoġġ qawwi għal din it-tip ta' evalwazzjoni. Hi wriet ukoll li ftit Stati Membri jagħmluha. Minħabba li normalment l-amministrazzjonijiet nazzjonali għandhom ftehim aħjar ta' kif taħdem il-leġiżlazzjoni fil-

<sup>9</sup> COM(2009) 17 "It-tielet rapport ta' progress dwar l-istrategġija għas-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju".

<sup>10</sup> COM(2007) 23 " "Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-Unjoni Ewropea".

<sup>11</sup> COM(2009) 544 "Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-UE: Il-Pjanijiet għat-Tnaqqis Settorjali u l-Azzjonijiet tal-2009".

<sup>12</sup> Dan it-terminu jkopri l-attivitajiet kollha ta' evalwazzjoni mwettqa wara l-approvazzjoni ta' miżura.

prattika, madankollu, il-Kummissjoni se jkollha taħdem magħhom mill-qrib biex tiżviluppa ta' dan l-approċċ.

L-evalwazzjoni ta' inizjattivi individwali ma tistax turi dejjem l-istampa sħiħa. Għalhekk ħafna drabi hija meħtieġa ħarsa iktar strateġika. Evalwazzjonijiet komprensivi ta' politiki komuni tal-agrikoltura, sajd u strutturali wrew il-ħtieġa għal approċċ bħal dan<sup>13</sup>. Il-Kummissjoni se tibni fuq din l-esperjenza u tikkumplimenta l-evalwazzjoni ta' biċċiet individwali ta' leġislazzjoni b'evalwazzjonijiet tal-politika iktar komprensivi. Dawn "il-kontrolli" se jivvalutaw jekk il-qafas regolatorju għall-qasam tal-politika huwiex adattat għall-iskop u, jekk, le, x'għandu jinbidel. L-għan se jkun li jidentifikaw piżijiet żejda, inkonsistenzi u miżuri li m'għadhomx jintużaw jew li mhumiex effettivi u jgħinu fl-identifikazzjoni tal-impatt kumulattiv tal-leġislazzjoni.

Kemm l-evalwazzjoni kif ukoll il-"kontrolli" għandhom ikunu marbuta mill-qrib mal-ħidma eżistenti dwar l-implimentazzjoni, l-infurzar u l-ksur imfissra fit-Taqsima 2.3 hawn taħt. Il-għbir tal-informazzjoni minn dawn l-attivitajiet se jgħin biex tiġi pprovduta stampa ċara ta' kif il-leġislazzjoni eżistenti qed taħdem u x'hemm bżonn li jinbidel.

Fid-dawl ta' dan kollu, sabiex iżżid l-isforzi biex ittejjeb il-kwalità tal-leġislazzjoni eżistenti il-Kummissjoni bi ħsiebha:

- (i) Tiżgura li l-proposti sinifikanti kollha għal-leġislazzjoni ġdida jew riveduta jkun fil-prinċipju bbażati fuq evalwazzjoni ta' dak li hu diġà fis-seħħ. Hi se tintroduċi dan l-approċċ matul il-mandat attwali tagħha, u se tirrevedi l-linji gwida ta' evalwazzjoni biex tiżgura li l-evalwazzjonijiet jistabbilixxu jekk il-leġislazzjoni hijiex se twassal il-benefiċċji mistennija, u tivvaluta l-ispejjeż li huma assoċjati magħha.
- (ii) Tipprovidi trasparenza billi tippreżenta evalwazzjonijiet ppjanati ta' leġislazzjoni dwar websajt speċifika sabiex tippermetti lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati biex jippreparaw l-kontribuzzjonijiet fi stadju bikri.
- (iii) Twettaq erba' "kontrolli" mnedija fl-2010 għall-oqsma fl-ambjent, trasport, politika tal-impjeg/soċjali u politika industrijali u testendi l-approċċ għal oqsma oħra ta' politika fl-2011 fuq il-bażi ta' dawn l-esperjenzi.
- (iv) Tiffinalizza il-programm tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv sal-2012 u tintegra l-esperjenza miksuba minn dan u mill-attivitajiet ta' simplifikazzjoni fil-proċessi ta' evalwazzjoni u tfassil ta' politika.
- (v) Ttejjeb il-websajt ta' konsultazzjoni biex tippermetti lill-partijiet interessati biex jesprimu b'mod iktar faċli t-ħassib tagħhom dwar il-piżijiet amministrattivi u l-kwistjonijiet ta' simplifikazzjoni<sup>14</sup>.
- (vi) Tistieden lill-Istati Membri biex jużaw il-possibiltajiet fil-leġislazzjoni tal-UE biex inneħħu l-obbligi għan-negozji bħall-SMEs. Il-Kummissjoni talbet lill-Grupp ta'

---

<sup>13</sup> [http://ec.europa.eu/agriculture/healthcheck/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/agriculture/healthcheck/index_en.htm)  
[http://ec.europa.eu/agriculture/eval/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/agriculture/eval/index_en.htm)  
[http://ec.europa.eu/fisheries/reform/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/fisheries/reform/index_mt.htm)

<sup>14</sup> [http://ec.europa.eu/regional\\_policy/sources/docgener/evaluation/expost\\_reaction\\_en.htm](http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/evaluation/expost_reaction_en.htm)  
[http://ec.europa.eu/enterprise/policies/better-regulation/administrative-burdens/online-consultation/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/enterprise/policies/better-regulation/administrative-burdens/online-consultation/index_mt.htm)

Livell Għoli tal-Partijiet Interessati Indipendenti biex jippreżentaw rapport sa Novembru 2011 dwar l-aħjar prattiki tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE bil-mod l-inqas ta' xkiel. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tanalizza iktar il-kwistjoni ta' "gold plating" (regolamentazzjoni addizzjonali)<sup>15</sup> u tirrapporta fuq kwalunkwe riżultat sostanzjali.

- (vii) Taġġusta fejn xieraq l-isħubija tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-Partijiet Interessati Indipendenti biex tirrifletti l-ħidma wiesgħa tagħha fuq is-simplifikazzjoni kif ukoll it-tnaqqis tal-piż amministrattiv billi tiżgura rappreżentazzjoni kemm tal-SMEs kif ukoll tas-settur mhux tan-negożju.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tkompli thegħeġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex japprovaw malajr il-proposti ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż li hi diġà ressqet, u l-proposti l-ġodda li se tagħmel matul is-sena d-dieħla. Hi titlob l-Istati Membri biex jimplementawhom malajr.

## 2.2. Żgurar li l-leġislazzjoni l-ġdida hija l-aħjar possibbli

Il-Kummissjoni stabbilixxiet sistema tal-valutazzjoni tal-impatt biex tipprepara l-evidenza għat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u biex tipprovdi trasparenza dwar il-benefiċċji u l-ispejjeż tal-għażliet politiċi<sup>16</sup>. Element ewlieni ta' din is-sistema huwa l-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jipprovdi kontroll ta' kwalità indipendenti tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni. Minn meta nħoloq fl-2006, hu ta iktar minn 400 opinjoni li huma disponibbli għall-pubbliku<sup>17</sup>.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkonfermat li din is-sistema tal-valutazzjoni tal-Impatt titqabbel tajjeb mas-sistemi l-oħra fl-UE, u tassew tista' tiġi kkunsidrata li hija prattika tajba fuq numru ta' kwistjonijiet. Hu sab li l-IAB qed jipprovdi kontroll ta' kwalità ta' valur, li l-valutazzjonijiet tal-impatt saru parti integrali mill-iżvilupp tal-politika fil-Kummissjoni, u li huma jistgħu jgħinu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill meta jikkunsidraw il-proposti tal-Kummissjoni. Hu vvalida wkoll l-approċċ integrat tal-Kummissjoni li hu bbażat fuq analiżi tal-benefiċċji u l-ispejjeż u jikkunsidra l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali kollha rilevanti. Dan l-approċċ huwa ambizzjuż u huwa f'kuntrast mal-attenzjoni idjaq li tpoġġiet fuq l-ispejjeż jew il-piżijiet amministrattivi f'ċerti Stati Membri. Il-Kummissjoni tikkunsidra li hu essenzjali li jiġi żgurat li l-miżuri li hi ttipponi huma meħtieġa, kosteffiċjenti u ta' kwalità għolja.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tikkonsolida s-sistema attwali u l-prijorità se tkun li tiżgura li hi twassal il-potenzjal sħiħ tagħha. Fuq il-bażi tat-titjib li l-Qorti identifika, li ħafna minnhom huma konformi mas-suġġerimenti li saru mill-IAB jew mill-partijiet interessati fil-konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni identifika dawn il-kwistjonijiet ewlenin li ġejjin.

- (i) Filwaqt li l-Qorti tal-Awdituri kkonfermat li l-IAB huwa effettiv, il-President reġa' saħħaħ iktar ir-rwol tiegħu sabiex fil-prinċipju tkun meħtieġa opinjoni pożittiva mill-IAB qabel ma proposta tkun tista' titressaq għal deċiżjoni tal-Kummissjoni<sup>18</sup>. L-

<sup>15</sup> Gold-plating tirreferi għall-prattika tal-entitajiet nazzjonali li jmorru lil hinn minn dak li hu meħtieġ fil-leġislazzjoni tal-UE meta jittrasponu jew jimplementaw din il-leġislazzjoni fuq il-livell tal-Istat Membru.

<sup>16</sup> [http://ec.europa.eu/governance/better\\_regulation/impact\\_en.htm](http://ec.europa.eu/governance/better_regulation/impact_en.htm)

<sup>17</sup> Disponibbli fuq: [http://ec.europa.eu/governance/impact/ia\\_carried\\_out/cia\\_2010\\_en.htm](http://ec.europa.eu/governance/impact/ia_carried_out/cia_2010_en.htm)

<sup>18</sup> C(2010) 1100 "Il-Metodi ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2010-2014".

indipendenza tal-IAB tintwera' mill-fehmiet onesti fl-opinjoniġiet tiegħu<sup>19</sup> u mill-fatt li ma jżommx lura milli jitlob lis-servizzi tal-Kummissjoni biex jerġgħu jagħmlu l-analiżi tagħhom meta jikkunsidra li dan huwa neċessarju. Għalhekk il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li huwa neċessarju li entità esterna tikkontrolla l-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha, kif suġġerit minn xi partijiet interessati. Hija wkoll tal-fehma li entità esterna mhux se tkun kompatibbli mad-dritt tal-Kummissjoni tal-inizjattiva jew marwoli istituzzjonali tal-Parlament u tal-Kunsill li huma l-entitajiet responsabbli għar-reviżjoni, emenda u fl-aħħar l-adozzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni. Il-valutazzjonijiet tal-impatt huma parti mill-proċess intern ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, u ma jkunx xieraq li hi tagħti aċċess privileġġat lill-grupp partikolari ta' esperti esterni jew partijiet interessati.

- (ii) Huwa essenzjali li l-ippjanar tal-ħidma tal-valutazzjoni tal-impatt tkun trasparenti ħalli l-partijiet interessati jistgħu jinvolvu ruħhom fil-proċess kemm jista' jkun minn kmieni. Mill-2010, il-Kummissjoni tippublika pjanijiet direzzjonali għall-proposti kollha li x'aktarx ikollhom impatti sinifikanti, inklużi atti delegati u ta' implimentazzjoni, li jispjegaw jekk hijiex ippjanata jew le valutazzjoni tal-impatt<sup>20</sup>. Is-servizzi tal-Kummissjoni jikkonsultaw u jinfurmaw il-partijiet interessati b'diversi modi u fi stadji differenti tal-ħidma tal-valutazzjoni tal-impatt sabiex jiżguraw li l-analiżi hija kompluta, konsistenti u eżatta. It-Taqsima 4 tidentifika titjib addizzjonali għall-proċess ta' konsultazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax li huwa neċessarju li tikkonsulta dwar abbozzi tal-valutazzjonijiet tal-impatt kif kien mitlub minn ċerti partijiet interessati.
- (iii) Sabiex issaħħaħ il-valutazzjonijiet tal-impatt integrati, il-Kummissjoni żviluppat gwida speċifika għall-valutazzjoni tal-impatti soċjali<sup>21</sup> u ħolqot help desk dwar piżijiet amministrattivi.
- (iv) Sabiex tirrifletti l-istatus legali ġdid tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-Kummissjoni se ssaħħaħ il-valutazzjoni tal-impatti fuq id-drittijiet fundamentali, u għal dan se tiżviluppa gwida speċifika.
- (v) Il-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom jikkwantifikaw il-benefiċċji u l-ispejjeż meta dan ikun possibbli. Il-Kummissjoni se tkompli l-isforzi biex hi tittejjeb f'dan il-qasam bl-indikazzjoni li hemm limitu għal xiex jista' jiġi kkwantifikat fil-livell tas-27 Stat Membru: id-dejta hija ta' spiss limitata, u l-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE ħafna drabi jiddependi fuq kif l-amministrazzjonijiet nazzjonali jimplementawha. Dan ifisser ukoll li figuri aggregati għall-benefiċċji u l-ispejjeż tal-leġiżlazzjoni tal-UE maż-żmien, kif talbu ċerti partijiet interessati, mhux se jkun ta' importanza. Konsultazzjonijiet imtejba (ara Taqsima 4) għandhom, madankollu, jgħinu biex jipprovdur dejta aħjar, u l-Kummissjoni se tfittex modi prattiċi biex ittejjeb id-disponibbiltà tad-dejta, pereżempju permezz tal-Kumitat tar-Regġuni u n-netwerk tiegħu għall-konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

### 2.3. Titjib fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE

---

<sup>19</sup> Ara nota fqiegħ il-paġna 17.

<sup>20</sup> Għall-inizjattivi pplanati tal-Kummissjoni l-pjanijiet direzzjonali jenfasizzaw l-problemi li għandhom jiġu indirizzati, kwistjonijiet ta' sussidjarjetà, soluzzjonijiet potenzjali u impatti possibbli.

[http://ec.europa.eu/governance/impact/planned\\_ia/roadmaps\\_2010\\_en.htm](http://ec.europa.eu/governance/impact/planned_ia/roadmaps_2010_en.htm)

<sup>21</sup> <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=760&langId=mt&preview=cHJldmld0VtcGxQb3J0YWwh>

Il-leġislazzjoni tal-UE trid tkun implimentata sew sabiex tikseb l-għanijiet tagħha. Filwaqt li l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għal dan, il-Kummissjoni taħdem mill-qrib magħhom. Hi stabbilixxiet numru ta' miżuri biex tgħin<sup>22</sup>. Dawn jinkludu "azzjoni preventiva" – fejn tingħata attenzjoni ikbar lill-implimentazzjoni u lill-infurzar fil-valutazzjonijiet tal-impatt meta titfassal leġislazzjoni ġdida<sup>23</sup>; appoġġ lill-Istati Membri matul l-implimentazzjoni biex jantiċipaw problemi u jevitaw proċedimenti ta' ksur iktar tard; workshops ta' traspożizzjoni għal direttivi ġodda bħal pereżempju professjonijiet regolati, assigurazzjoni, servizzi bankarji, kontabilità u verifika; u linji gwida biex jgħinu lill-Istati Membri jimplimentaw leġislazzjoni ġdida bħal pereżempju REACH. Hi qed ittejjeb l-infurzar billi tipprijoratizza u tħaffef il-proċedimenti ta' ksur. Il-Kummissjoni tipproduċi Rapportu Annwali dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE li jitrattaw dawn il-kwistjonijiet<sup>24</sup>.

Sabiex ittejjeb iktar it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-UE il-Kummissjoni se:

- (i) Ssaħħaħ l-analiżi ta' dawn il-kwistjonijiet f'evalwazzjonijiet ex post tal-leġislazzjoni u tiżgura li r-risultati qed jintużaw f'valutazzjonijiet tal-impatt għall-proposti ġodda jew riveduti.
- (ii) Tiżviluppa iktar l-użu tal-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni għal-leġislazzjoni ġdida tal-UE, u tkompli titlob lill-Istati Membri biex jipproduċu tabelli ta' korrelazzjoni biex jipprovdi trasparenza dwar kif liġi nazzjonali tittrasponi l-obbligi fid-direttivi tal-UE. Il-Kummissjoni se tissorvelja u tippubblica informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-Istati Membri<sup>25</sup>.
- (iii) Tkompli ttejjeb l-effiċjenza tal-UE Pilota li għandu l-għan li jipprovdi tweġibiet malajr u sħaħ għall-mistoqsijiet taċ-ċittadini u tan-negozji dwar il-liġi tal-UE, u tħeġġeġ iktar Stati Membri biex jipparteċipaw fih<sup>26</sup>.
- (iv) Tesplora kif ittejjeb SOLVIT u tippromwovih iktar lill-SMEs<sup>27</sup>.

#### 2.4. Leġislazzjoni li tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli

Il-ġestjoni tal-kwalità tal-leġislazzjoni tfisser ukoll li jkun żgurat li kemm jista' jkun il-leġislazzjoni tkun ċara u possibbli. Il-Kummissjoni tifli l-proposti leġislattivi ġodda kollha biex tiżgura li d-drittijiet u l-obbligi li jgħolqu huma stipulati f'lingwa sempliċi biex tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-infurzar. Għall-leġislazzjoni eżistenti, il-Kummissjoni se tkompli tikkodifika, tifformula u tikkonsolida testi legali. Hi se tkompli wkoll tnaqqas il-volum tal-leġislazzjoni billi tħassar dispożizzjonijiet li m'għadhomx jintużaw. Fl-aħħar, sabiex ittejjeb l-aċċess elettroniku għall-korp sħiħ tal-leġislazzjoni tal-UE, portal ġdid tal-EUR-Lex qed jiġi żviluppat ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkonsolidaw il-leġislazzjoni nazzjonali li tittrasponi l-leġislazzjoni tal-UE u jagħmluha disponibbli elettronicament, inkluż permezz tal-portal tal-EUR-Lex.

<sup>22</sup> COM(2007) 502 "Ewropa li Tikseb ir-Risultati – l-Applikazzjoni tal-Liġi Komunitarja".

<sup>23</sup> Ara l-Linji gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt; pp. 42 – 43: [http://ec.europa.eu/governance/impact/commission\\_guidelines/commission\\_guidelines\\_en.htm](http://ec.europa.eu/governance/impact/commission_guidelines/commission_guidelines_en.htm)

<sup>24</sup> [http://ec.europa.eu/community\\_law/infringements/infringements\\_annual\\_report\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/community_law/infringements/infringements_annual_report_mt.htm)

<sup>25</sup> [http://ec.europa.eu/community\\_law/directives/directives\\_communication\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/community_law/directives/directives_communication_mt.htm)

<sup>26</sup> [http://ec.europa.eu/community\\_law/infringements/infringements\\_annual\\_report\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/community_law/infringements/infringements_annual_report_mt.htm)

<sup>27</sup> <http://ec.europa.eu/solvit/>



### **3. RESPONSABILITÀ KOMUNI**

#### **3.1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-entitajiet konsultattivi**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom rwol ewlieni fit-twassil tar-regolamentazzjoni intelliġenti. Ħafna partijiet interessati esprimu t-tħassib li huma għandhom jadottaw piż amministrattiv pendenti u proposti ta' simplifikazzjoni iktar malajr, u jitolbuhom biex iwettqu l-impenji li huma għamlu fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Regolamentazzjoni Aħjar. Filwaqt li ż-żewġ istituzzjonijiet ftehm li jagħmlu valutazzjonijiet tal-impatt dwar emendi sostantivi li jagħmlu lill-proposti tal-Kummissjoni, huma rari biss għamlu hekk. Il-Kummissjoni titlob lill-Parlament u lill-Kunsill biex jagħmlu iktar titjib fuq din il-kwistjoni. Hi se tkompli tirrispondi b'mod kostruttiv u fuq bażi ta' każ b'każ lit-talbiet tagħhom biex jespandu fuq l-aspetti tal-valutazzjonijiet tal-impatt oriġinali.

Ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri wera li l-utenti fiż-żewġ istituzzjonijiet ikkunsidraw li l-valutazzjonijiet tal-impatt kienu ta' għajjnuna meta ddiskutew proposti tal-Kummissjoni anke jekk rarament kienu użati b'mod formali fil-laqgħat. Din hija bażi inkoraġġanti biex wieħed jibni fuqha. Filwaqt li huwa f'idejn il-Parlament u l-Kunsill biex jiddeċiedu dwar il-proċessi interni tagħhom, jidher ċar li sabiex titwassal ir-regolamentazzjoni intelliġenti b'mod konsistenti, kull kumitat Parlamentari u formazzjoni tal-Kunsill għandu jikkunsidra l-valutazzjonijiet tal-impatt bħala parti mid-diskussjonijiet tagħhom. Dan l-impenn iktar sħiħ fil-proċess tar-regolamentazzjoni intelliġenti jista' wkoll iħeġġeġ trattament iktar malajr tal-proposti ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piżijiet iktar amministrattivi, u kofidikazzjonijiet u riformulazzjonijiet.

Il-Parlament Ewropew għamel numru ta' passi f'din id-direzzjoni. Il-Kumitat tas-Suq Intern u tal-Protezzjoni tal-Konsumatur indika li se jeżamina b'mod sistematiku l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, u l-Kumitat dwar id-Drittijiet tan-Nisa u tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi kkommissjona valutazzjoni tal-impatt fuq l-emendi li hu ppropona għal abbozz ta' direttiva dwar il-liv tal-maternità<sup>28</sup>. Il-Kummissjoni aċċettat dawn l-emendi.

Fl-aħħar, hemm interess kontinwu mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>29</sup> u l-Kumitat tar-Regġuni<sup>30</sup> fir-regolamentazzjoni intelliġenti. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kompetenza u n-netwerks li dawn l-entitajiet jistgħu jimobilizzaw jistgħu jkunu sors importanti ta' informazzjoni għall-preparazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt.

#### **3.2. L-Istati Membri**

Azzjoni fuq livell tal-UE biss, mhux se tkun biżżejjed biex jinkisbu l-għanijiet għal regolamentazzjoni intelliġenti. Regolamentazzjoni intelliġenti trid ukoll tiġi implimentata fuq livell nazzjonali minħabba l-fatt li f'ċerti oqsma ewlenin bħal pereżempju liġi tal-kumpaniji, tassazzjoni u sigurtà soċjali, il-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni hija nazzjonali fl-orijini tagħha u minħabba li, kif imsemmi qabel, l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-iżgurar li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun implimentata sew. Skont it-Trattat ta' Lisbona, il-parlamenti nazzjonali jiċċekkjaw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' sussidjarjetà fil-proposti tal-

---

<sup>28</sup> COM(2008) 637 – Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed iredgħu.

<sup>29</sup> Opinjoni tat-Taqsima għas-Suq Uniku, Produzzjoni u Konsum tal-KSEE, 8 ta' Lulju 2010, INT 489.

<sup>30</sup> Opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Pakkett ta' Regolamentazzjoni Aħjar 2007/2008, 3-4 ta' Diċembru 2009, KtR 199/2009.

Kummissjoni u jistgħu f'dan ir-rigward jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' kwalità ogħla tal-leġislazzjoni tal-UE.

Xi Stati Membri għamlu progress sinifikanti fuq kwistjonijiet bħal tnaqqis tal-piż amministrattiv, iżda f'it stabbilixxu sistema ta' regolamentazzjoni aħjar li hija wiesgħa daqs dik tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni hija konxja li m'hemmx approċċ "wieħed għal kulħadd", u tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiddefinixxu l-prijoritajiet fuq il-bażi tal-kapaċitajiet umani u istituzzjonali disponibbli. Madankollu għandhom jiġu enfasizzati tliet punti.

L-ewwel, il-Qorti tal-Awdituri ssuġġeriet li l-valutazzjonijiet tal-impatt nazzjonali jistgħu jikkomplimentaw b'mod utli dawk magħmula mill-Kummissjoni, jistgħu jgħinu d-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar bidliet lill-proposti tal-Kummissjoni, u jgħinu lill-Istati Membri bi kwistjonijiet ta' traspożizzjoni u ta' infurzar. Dawn jistgħu jgħinu wkoll fis-soluzzjoni tal-isfidi tad-dejta enfasizzati hawn fuq. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri fil-Grupp tagħha ta' Livell Għoli tal-esperti ta' Regolamentazzjoni Aħjar biex tesplora din il-kwistjoni u biex tiskambja l-opinjoni u l-aħjar prattiki dwar ir-regolamentazzjoni intelliġenti in ġenerali.

It-tieni, it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea jippermetti lill-Istati Membri taħt ċerti kundizzjonijiet biex jippreżentaw proposti fuq l-inizjattiva tagħhom fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali u kooperazzjoni tal-pulizija<sup>31</sup>. Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li dawn il-proposti għandhom ikunu akkumpanjati mill-valutazzjonijiet tal-impatt.

Fl-aħħar, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinvolvu l-partijiet interessati meta jiddiskutu l-miżuri li għandhom jiġu implimentati jew trasposti fil-leġislazzjoni tal-UE. Dan se jiżgura li t-tħassib tal-partijiet interessati jkunu kkunsidrati kif ukoll iżid l-għarfien tad-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mil-liġi tal-UE.

#### **4. TISĦIĦ TAL-LEĦEN TAĊ-ĊITTADINI U TAL-PARTIJET INTERESSATI**

Il-konsultazzjoni maċ-ċittadini u l-partijiet interessati oħra kemm fl-iżvilupp tal-politiki kif ukoll fl-evalwazzjoni ta' jekk għamlux dak li kellhom il-ħsieb li jagħmlu hija element essenzjali tar-regolamentazzjoni intelliġenti. Il-Kummissjoni tikkonsulta f'diversi modi fuq il-bażi tal-istandards minimi li kienu fis-seħħ mill-2002<sup>32</sup>. It-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika għal din il-Komunikazzjoni żvelat li l-partijiet interessati japprezzaw l-isforzi tal-Kummissjoni f'dan il-qasam iżda jikkunsidraw li hemm b'zonn ta' iktar titjib. Ħafna staqsew għall-perjodu itwal ta' konsultazzjoni u li l-konsultazzjonijiet jkunu iktar aċċessibbli, minħabba li ċ-ċittadini u l-partijiet interessati l-oħra m'għandhomx l-istess kapaċità li jikkontribwixxu u mhux kollha għandhom aċċess għall-internet.

Il-Kummissjoni tenfasizza li dan it-tħassib għandu jiġi kkunsidrat fil-kuntest tal-firxa wiesgħa ta' opportunitajiet li ċ-ċittadini u l-partijiet interessati l-oħra għandhom jikkontribwixxu għall-proċess tat-tfassil tal-politika. Il-konsultazzjoni pubblika li ddum 8 ġimgħat hija ħafna drabi parti waħda minn proċess itwal fejn is-servizzi tal-Kummissjoni jikkomunikaw mal-partijiet interessati f'modi oħra. Id-disponibbiltà ikbar tal-pjanijiet direzzjonali (ara §2.2) u l-pjanijiet

<sup>31</sup> Ara l-Artikolu 76 tat-Trattat.

<sup>32</sup> COM (2002) 704 finali "Lejn kultura aktar b'saħħitha ta' konsultazzjoni u djalogu - Prinċipji ġenerali u standards minimi għal konsultazzjoni ta' partijiet interessati mill-Kummissjoni".

ta' ħidma ta' evalwazzjoni ex-post se jippermettu wkoll liċ-ċittadini u lill-partijiet interessati oħra biex jippjanaw kontribuzzjonijiet għall-proċess ta' politika u biex jesprimu l-opinjoni tagħhom fi stadju iktar bikri minn qabel. Madankollu, fid-dawl ta' dan it-tħassib, il-Kummissjoni se:

- (i) Żżid il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika sa 12-il ġimgħa. Dan se japplika mill-2012 sabiex ikun jista' jiġi inkorporat b'mod xieraq fl-ippjanar tal-inizjattivi futuri.
- (ii) Twettaq reviżjoni tal-politika tagħha ta' konsultazzjoni fl-2011<sup>33</sup>. Hi se tesplora:
  - Kif se ttejjeb il-kwalità tad-dokumenti ta' konsultazzjoni u d-disponibbiltà tal-ippjanar bil-quddiem tal-konsultazzjonijiet pubbliċi.
  - Kif għandha tagħmel użu aħjar tal-għodod bħal portal tal-Infommazzjoni tal-Internet "l-Ewropa Tiegħek"<sup>34</sup>, Bord bi Prova dwar in-Negozju Ewropew<sup>35</sup>, Bord tal-SME<sup>36</sup>, Reġistru għar-Rappreżentanti tal-Interessi<sup>37</sup>, l-għodda interattiva għat-tfassil tal-politika (IPM)<sup>38</sup> u applikazzjonijiet oħra tal-Web 2.0<sup>39</sup>.
  - Kif għandha tagħmel l-aħjar użu tal-kanali ta' konsultazzjoni fl-Istati Membri li l-partijiet interessati huma familjari magħhom biex ixerrdu l-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni u jħeġġu t-tweġibiet.
  - Kif għandha tagħmel użu aħjar tal-proċess ta' konsultazzjoni sabiex tiġbor id-dejta u l-evidenza għall-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet.
  - Kif għandha tiżgura konformità aħjar mal-istandards minimi.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

Din il-Komunikazzjoni enfasizzat il-miżuri ppjanati tal-Kummissjoni biex tiżgura l-kwalità tar-regolamentazzjoni matul iċ-ċiklu tal-politika, mit-tfassil tal-politika sal-evalwazzjoni u r-reviżjoni tagħha. Billi żżid il-pass, ir-regolamentazzjoni intelliġenti tista' tgħin fil-kisba tal-għanijiet ambizzjużi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv stabbilit mill-Istrateġija Ewropa 2020. Madankollu, ir-regolamentazzjoni intelliġenti għandha responsabbiltà komuni u s-suċċess tagħha jiddependi fuq l-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati kollha involuti fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE li għandhom ir-rwol tagħhom. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-aġenda tar-regolamentazzjoni fl-aħħar sitt xhur tal-2012.

---

<sup>33</sup> Kif previst f'COM(2007) 127 "Segwitu għall-Green Paper 'European Transparency Initiative'".

<sup>34</sup> <http://ec.europa.eu/youreurope>

<sup>35</sup> [http://ec.europa.eu/yourvoice/ebtp/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/yourvoice/ebtp/index_mt.htm)

<sup>36</sup> [http://ec.europa.eu/enterprise/policies/better-regulation/administrative-burdens/online-consultation/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/enterprise/policies/better-regulation/administrative-burdens/online-consultation/index_mt.htm)

<sup>37</sup> <https://webgate.ec.europa.eu/transparency/regrin/welcome.do?locale=mt#mt>

<sup>38</sup> [http://ec.europa.eu/yourvoice/ipm/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/yourvoice/ipm/index_mt.htm)

<sup>39</sup> <http://www.epractice.eu/>